**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 152/2018**

**RT ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***Bank of Valletta p.l.c.* (C 2833)**

**('il-provditur tas-servizz'/'il-Bank')**

**Seduta tas-27 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** tal-ilmentatrici fejn tghid li fl-20 ta' Jannar 2018, irceviet telefonata minn barra u l-individwu li kellimha qal li jismu Roy Castiwana u qal li hu mill-*Microsoft*.

Izzid li dan qalilha li l-*computer* taghha kellu hafna *viruses* u kellu bzonn jitnaddaf ghax kien ser jikkraxxja. Hi talbitu n-numru tat-telefon tieghu u hu ta n-numru – 18009545514. Tghid li tatu l-permess taghha sabiex inaddfilha l-*computer* ghax qal li tiswa biss €29.

L-ilmentatrici zzid li meta spicca talabha d-dettalji tal-*Visa Card* taghha biex jithallas, fejn zguraha li ser jigbed biss €29 ghax-xoghol li kien ghamel. Hi tatu d-dettalji tal-*Visa Card* fejn suppost kellu jigbed id-€29 tas-servizz li kien taha, li fil-fatt, wara saret taf li fil-verità ma kien ghamel xejn.

Tghid li hi ppruvat taqbad mal-*BOV* minnufih sabiex twaqqaf kollox minhabba li giet fid-dubju, però, tghid li ma setghetx taqbad mal-bank (mis-Sibt wara nofsinhar sal-Hadd wara nofsinhar meta rnexxielha tkellimhom), allavolja tghid li jghidu li ghandhom servizz 24/7.

Tkompli tghid li wara saret taf li kienu ingibdu zewg somom ta' flus: €359.92 u €821.86. Meta tkellmet mal-bank u talbithom iwaqqfu kollox u jibblokkaw il-*Visa*

*Card*, certa Ms XX mill-bank qaltilha li kien kollu ta' xejn peress li l-flus kienu digà hargu mill-*Visa Card*.

Sadanittant hi talbet kumpanija tal-*I.T.*, kif riedha taghmel il-bank, biex tara jekk sarx ix-xoghol fuq il-*computer*, fejn din il-kumpanija tatha rapport li ma kien sar l-ebda xoghol fuq il-*computer* taghha.

L-ilmentatrici tghid li l-bank kienu baghtulha xi dokumenti li huma rcevew minn barra li fihom kien hemm miktub '*Invoice*' li suppost iffirmat u kemm suppost hadu flus bil-firma taghha, fejn l-ilmentatrici tishaq li din zgur ma kinetx il-firma taghha ghax qatt ma kienet rat dik l-*invoice* u ma kienet iffirmat xejn. Tishaq li kulma ghamlet kien li tat il-permess taghha u d-dettalji tal-*Visa Card* taghha biex thallas ghax-xoghol li suppost ghamlulha.

L-ilmentatrici tghid li talbet lill-bank biex igibulha flusha lura u qalulha li kienet bicca xoghol difficli, però, kienu qed jaghmlu mill-ahjar li jistghu. Madankollu tghid li rceviet ittra mill-*BOV* fejn infurmatha li l-bank ta' barra ma kien ser jaghmel xejn u nfurmawha li jekk riedet tkompli bil-*claim* kellha tiffajlja l-kaz mal-*Visa Arbitration* dirett.

L-ilmentatrici thoss li l-*BOV* hu responsabbli ghax hadd ma rrisponda t-telefon meta hi giet bzonnhom biex iwaqqfulha l-pagament u jimblokkawlha l-*Visa Card.* Tilmenta wkoll li ppretendiet li kellha tircievi *SMS* biex jinfurmawha bil-hrug ta' dawn il-flus.

L-ilmentatrici qed titlob li tiehu l-flus li hadulha lura, is-somom ta' €359.92 u €821.96 li hadulha b'ingann.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li fil-qosor il-punti principali huma dawn:**[1]

L-esponent jirrispondi illi t-talbiet tal-ilmentatrici ma jistghux jintlaqghu ghar-ragunijiet segwenti kif ser jirrizulta f'aktar dettall f'din ir-risposta:

1. Preliminarjament, il-Bank mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal dan l-ilment. Semmai, l-ilmentatrici kellha tipprezenta ilment kontra *Acumen*

[1] Id-dettalji tar-risposta huma fil-*file a Fol.* 33 sa 38

*Sebl BD* li thallas/ha l-flus li l-ilmentatrici issa qed titlob lura minghand il-Bank;

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju, l-ammont ingibed mill-kont tal-ilmentatrici: (i) meta hi pprovdiet id-dettalji tal-*card* taghha fuq it-telefon (u dan kif ammettiet l-ilmentatrici stess); u (ii) wara li l-ilmentatrici effettwat it-*3D secure authentication.* Ghalhekk l-ammont ingibed bhala rizultat tal-azzjonijiet tal-ilmentatrici stess;
3. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju, it-talbiet tal-ilmentatrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jintwera f'din ir-risposta u wkoll matul il-proceduri;
4. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilmentatrici ma sofriet ebda dannu bhala rizultat ta' xi mgiba illegali tal-intimat, u li l-intimat mhuwiex responsabbli ghall-hlas lill-ilmentatrici ta' kwalsiasi somma *in linea* ta' danni jew xort'ohra;
5. L-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu ssopportati mill-ilmentatrici.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra d-dokumenti esebiti**

**Jikkonsidra**

***Eccezzjoni li l-Bank mhux il-Legittimu Kontradittur***

L-Arbitru jqis li bejn l-ilmentatrici u l-Bank kien hemm relazzjoni kuntrattwali meta l-Bank hareg il-*cards* in kwistjoni tant li hu stess jaghmel referenza ghall-kundizzjonijiet marbuta ma' dan il-kuntratt. Ghalhekk kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Galadarba kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet, allura, l-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

**FIL-MERTU**

Illi dan huwa kaz car ta' frodi li jsir permezz tal-*internet* u, ghalhekk, huwa kaz li ma jistax jitqies daqslikieku kien xi kaz ta' natura ordinarja. Minn dak li qalet l-ilmentatrici hija giet iffrodata ghaliex genwinament hasbet li xi hadd kien qed jikkuntattjaha ghaliex kellha xi virus fil-kompjuter u xi hadd '*mill-Microsoft'* kien offrielha li jaghtiha protezzjoni ghall-kompjuter taghha.

Min-naha tieghu, il-Bank jikkonferma li sar att frawdolenti fuq l-ilmentatrici, però, jghid li hu osserva l-procedura b'mod korrett, kienet l-ilmentatrici li tat is-*security features* tal-*card* u, ghalhekk, ma kellux x'jaqsam ma' dak li gara.

***Il-Frodi bl-Internet***

Sfortunatament, dan l-abbuz huwa wiehed mifrux hafna tant li fid-dinja jinsterqu miljuni kbar ta' ewro minghand il-konsumaturi permezz ta' diversi forom ta' frodi.

Il-*Financial Services Ombudsman* tal-Ingilterra irrapporta li matul is-sena 2017, il-banek u l-kumpaniji tal-*cards* ipprevenew is-serq ta' biljun u nofs liri sterlini permezz tal-frodi. B'dankollu, aktar minn £730 miljun insterqu bi frodi lill-konsumatur b'tip wiehed ta' frodi, jigifieri dak li jissejjah "*authorised push payment"* (*APP*), fejn il-kriminal jirnexxielu jikkonvinci lill-konsumatur jaghtih informazzjoni u jittrasferixxi flusu lilu. Ma' din is-somma tinghadd ukoll somma ohra ta' frodi diversi li jammontaw ghas-somma ta' £236m. Dan juri kemm il-problema hija kbira u kemm jingidmu nies ghax jigu mqarrqa.

Bl-izvilupp tat-teknologija is-servizzi finanzjarji saru jsiru b'heffa kbira u, filwaqt li dan huwa ta' vantagg kemm ghall-klijenti kif ukoll ghall-banek, ikun difficli li att frawdolenti jitwaqqaf fil-hin. Apparti li miljuni ta' konsumaturi jingidmu madwar id-dinja, anke l-banek u kumpaniji kbar madwar id-dinja jisfaw vittmi tal-frodi.

Ghalhekk dawn il-kazi ma jistghux jitqiesu sempliciment daqslikieku kienet qed issir tranzazzjoni normali fejn parti tista' tipponta subghajha lejn il-parti l-ohra u tipprova titfa' l-htija fuqha. F'dawn il-kazi, kemm il-konsumaturi kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji huma vittma tal-frodist li b'hazen kbir jirnexxielu johloq stampa falza li tqarrraq u li hafna drabi wiehed ftit li xejn jista' jinduna li jkun qed jigi mqarraq.

***Ix-Xenarju waqt it-Tranzazzjoni***

Biex verament wiehed ikun qed jaghmel gustizzja u jara jekk il-*cardholder,* bhal fil-kaz odjern, kienx qed jagixxi b'mod traskurat billi jaghti informazzjoni ta' sigurtà tal-*card,* irid jara x'kien ix-xenarju dak il-hin li gie avvicinat biex jaghti l-informazzjoni.

F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-qerq tant isir tajjeb li dak li jkun facli li jigi mqarraq.

F'dan il-kaz, l-ilmentatrici tghid li xi hadd qalilha li hu mill-*Microsoft* u li nizlet *drop* li kien jghid: '*You've got viruses*'. Kellha wkoll telefonata u qalulha li kienu mill-*Microsoft* u kellha problema li jekk ma ssolvihiex, il-kompjuter taghha kien ser jikkraxxja.

Ix-xenarju kien dan:[2]

'*Nghid li fuq il-computer kienet qed tinzel drop. U kien qed jghidli, "You've got viruses" u din in-notice bdiet tidher ripetuta u bdejt naghmilha delete.*

*Darba s-Sibt filghodu kelli telefonata u qalli li kien mill-Microsoft u qalli li kienu qed jibaghtuli dan in-notice u mhux qed narah. Ghidtlu li ma tajtx kazu. Qalli, "Jekk ma taghmilx xi haga, l-computer ser jikkraxxja". Ghidtlu li ma stajt naghmel xejn ghax ghandi l-antivirus. Qalli, "Dan l-antivirus ma jaqbadx kollox. Trid taghmel xi haga dwaru." Ghidtlu, "Who are you?" Qalli, "I am from Microsoft," and he gave me his name and telephone number. Imbaghad, staqsejtu jekk incempel dan in-numru naqbadx mieghu dirett u qalli li le, imma shabu jghidulu.*

*Qalli li jekk jien ma naghmel xejn, Microsoft se jaghmilha minfloki. Qalli, "We have all the latest tools for antivirus 2018," u qalli li jien ma rrid naghmel xejn u jaghmluha huma u kulma kienet tqum kienet €29; u jien ghidt ghal €29 ahjar ma nhallix il-computer jikkraxxja u ghidtlu, "Go ahead and do it." Staqsieni jekk il-computer kienx mixghul, ghidtlu li le u qalli biex immur nixghelu.'*

L-ilmentatrici kien minghaliha li ser thallsu tax-xoghol li kien ghamlilha u kien ghalhekk li ghaddietlu l-informazzjoni tas-sigurtà tal-*card* bil-ghan li hu jithallas ta' xogholu.

---

[2] *A Fol.* 84 *et seq*

***Frodi***

Mill-atti tal-kaz jirrizulta bl-aktar mod car li dan kien kaz ta' frodi bl-*internet.* L-ilmentatrici gabet prova li fil-kompjuter ma kienu ghamlulha xejn ghaliex hadet il-kompjuter ghand id-ditta *My Link Ltd*. li qalulha li mhux minnu li xi hadd nehhielha xi *viruses* fil-granet ta' qabel.[3]

Min-naha tieghu, il-Bank ukoll accetta li dan kien kaz ta' frodi izda, peress li l-ilmentatrici kienet tat il-*pass code* lill-frodist, f'dawn il-kazi, il-*Visa* li jahdmu maghha, ma thallasx lura.

Fil-fatt, XX, li tahdem bhala analista tal-frodi mal-Bank xehedet hekk:[4]

*'Jiena nahdem bhala analista tal-frodi mal-bank. Niehdu hsieb li nimmonitorjaw it-transactions kif ukoll niehdu calls mill-Customer Care fejn ahna naraw kazi fejn in-nies ikunu ihhakkjati. Sfortunatament, dan huwa serq modern, jigifieri int tkun qieghda f'darek u tisfa misruqa minghajr ma tkun taf. U once li inti tfajt card details online, tkun suggett ghall-hacking u l-frodi. Dan qed nitkellem b'mod in generali u nispjega x-xoghol taghna fiex jikkonsisti.*

*Ghal din it-tranzazzjoni jien spjegajt illi kienet saret with a pass code. Ghaddiet mit-3D Secure, li din hi sistema li l-bank m'ilux hafna li implimenta, fejn din hi sistema sigura hafna ghax biex isir pagament trid iddahhal code. Spjegajtilha li biex din it-tranzazzjoni sehhet bilfors li kien iddahhal il-code minnha stess'*.

Il-verzjoni li tat l-ilmentatrici, ghalkemm mhix preciza dwar il-hinijiet meta hi ippruvat taqbad mal-Bank, (fejn il-verzjoni tal-bank hi aktar preciza), però, dwar is-sugu ta' dak li gara gie kkonfermat minn rapprezentant tal-Bank, ZZ, li xehdet hekk:[5]

*'Jiena Officer fil-Customer Services tal-BOV.*

*Nghid li l-ilmentatrici kienet cemplet il-bank u qaltli li riedet taghlaq il-card. Nghid li staqsejtha jekk tilfithiex u ghall-ewwel ma wegbitnix. Nghid li hi wegbitni li ma kinitx tilfet il-card imma li xi hadd kien qed jipprova jehdilha l-flus mill-kont.*

[3] *A Fol.* 9
[4] *A Fol.* 96
[5] *Ibid.*

*Jiena staqsejtha minn liema card u bdejt niccekkja, u ndunajt li sehhew zewg tranzazzjonijiet li gibdulha l-flus minnhom.*

*Ghidtilha, "Hawnhekk ghandek zewg tranzazzjonijiet li gibdulek mill-kont." Qaltli, "Cempilli dan mill-Microsoft u beda jistaqsini hafna domandi." Jien ghidtilha li biex ghaddew it-tranzazzjonijiet hi bilfors li tatu d-dettalji kollha u ghidtilha li qatt ma kellha taghti informazzjoni lil hadd la bit-telefon u lanqas imkien.*

*Staqsietni x'nistghu naghmlu u ghidtilha, "Issa nqabbdek mal-Fraud Department taghna u jmexxuk huma," u jien ghaddejtha mal-Fraud Department taghna.'*

L-Arbiru innota li l-*invoices*[6] li hargu mill-*Acumen*, u li suppost fihom il-firma tal-ilmentatrici, huma foloz ghaliex il-firma li hemm fuqhom hija evidentament differenti mill-firma tal-ilmentatrici hekk kif tidher fuq l-ilment.

***Il-Kuntest Guridiku***

Id-difiza tal-Bank hija bbazata fuq zewg binarji. L-ewwel binarju huwa dak li jghid li hu m'ghamel xejn hazin u, ghalhekk, m'ghandux ihallas ghax kien l-agir tal-ilmentatrici li wassal biex intilfu l-flus. Din id-difiza hija wahda li hija bbazata fuq il-ligi generali u dak li jipprovdi l-Kodici Civili dwar min ghandu t-tort.

Izda f'dan il-qasam tapplika l-ligi specjali u '*lex specialis derogat lege generali*'. Dan anke gie enfasizzat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza: ***'X' vs All Invest Co. Ltd.,***[7] fejn il-qorti qalet li fil-qasam tas-servizzi finanzjarji kellha tapplika l-ligi specjali li tirregola dan il-qasam.

Barra minn hekk, l-Arbitru jrid jimxi ma' dak li jipprovdi l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu u gust fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[8]

Biex jaghmel dan, skont id-diskrezzjoni tieghu, irid jara li jimxi hekk:[9]

*'jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta':*

[6] *A Fol.* 54 *et seq*
[7] PA, 30/3/2017
[8] Art. 19(3)(b)
[9] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

- ***ligijiet applikabbli u relevanti***

- ***regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgiba ta' provditur tas-servizz, inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea***[10]

- *il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji*

- *u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'*

F'dan il-kuntest ta' ligijiet specjali, il-kaz odjern ghandu jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-*Payment Services Directive 2 ( PSD2)* li dahlet fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2018. Din id-Direttiva iddahhlet fil-ligi taghna permezz ta' *Directive 1* tal-Bank Centrali ta' Malta skont il-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din id-Direttiva hija wahda estensiva u l-Arbitru ser jaghmel referenza biss ghal dawk il-partijiet li huma relevanti ghall-kaz.

Skont l-Artikolu 50 tad-*Directive 1*, il-konsumatur ikollu jgorr it-telf li jkun sar fuq il-*card* tieghu jekk ikun agixxa b'mod frawdolenti, b'intenzjoni jew *gross negligence*. F'dan il-kaz ma jigi rimborzat xejn.

Imma jekk isir gbid ta' flus meta konsumatur jitlef il-*card* jew issir mizapproprjazzjoni minnha, jista' jigi penalizzat billi jehel €50 u jinghata l-kumplament.

Izda lanqas dan ma japplika jekk:[11]

'*Paragraph 50(1) shall not apply if:*

*(a) the loss, theft or misappropriation of a payment instrument was not detectable to the payer prior to a payment, except where the payer has acted fraudulently.'*

L-Arbitru huwa konvint moralment u anke mill-fatti kif sehhu li l-ilmentatrici m'agixxietx b'mod frawdolenti izda kienet hi li giet iffrodata. Lanqas ma jista'

[10] *Bold* tal-Arbitru
[11] *Directive 1* - Art. 50(1)(a)

jinghad li kellha l-intenzjoni li ma taqdix l-obbligi taghha skont it-termini tal-*card* jew li agixxiet bi *gross negligence*.

F'dan il-kuntest, l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak li kellu x'jghid f'kazi simili ta' frodi il-*Financial Services Ombudsman* tal-Ingilterra li kull sena jkollu quddiemu numru kbir ta' kazi ta' frodi:[12]

'*It's understandable that, in many cases, neither a bank nor their customer feel they've done anything wrong. People who've fallen victim to scams will often tell us they felt they had no option but to do what they were told by the scammers. At the same time, banks often tell us they believe their customers have been "grossly negligent" in handing over personal details to scammers – enabling the scam to occur.*

*But gross negligence isn't a term to be used lightly. When someone contacts us after losing money to a scam, we'll look to see if they actually authorised the transaction. In assessing this, we'll be trying to "recreate the scene".*

*If we think it's more likely than not they didn't authorise the transaction, that's when we need to consider whether they were grossly negligent – as part of deciding what's fair and reasonable. And one of the key things we'll think about will be the environment that was created by the fraudster for the consumer – essentially the "spell that was cast ... As financial services change, and scams evolve with it, what's considered grossly negligent behaviour will inevitably change too.*

*The increasing sophistication of scams means that the bar for gross negligence is high – it's more than just a test of whether someone was careless.'*

L-iskop li l-Arbitru ghamel referenza ghal din il-kwotazzjoni ma kienx ghaliex ihoss li b'xi mod torbot il-gudizzju tieghu, izda biex juri li dawn il-kazi qed isehhu b'mod komuni kullimkien u b'mod li jixxiebah fejn il-frodist, bil-maniggi tieghu, igieghlek temmen xi haga qarrieqa li min ikun vittma taghha ma jitqiesx li kien frawdolenti jew li agixxa bi *gross negligence.*[13]

[12] https://www.financial-ombudsman.org.uk/publications/ombudsman-news/145/145-ombudsman-focus-fraud-and-scams.html

[13] Dwar il-kuncett ta' '*gross negligence*' fis-sistema taghna, ara Decizjoni fil-Kaz Nru. 007/2018 moghtija llum stess u dak li ddecieda f'dan il-kaz jghodd ukoll ghal din id-decizjoni fejn hu applikabbli

Hu minnu li l-ilmentatrici tat it-*3 D secure code* lill-frodista imma, kif inghad, dan illum huwa regolat bil-*PSD2* u d-*Directive 1* tal-Bank Centrali, kif ikkwotat aktar 'il fuq. Barra minn hekk, wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fl-istat psikologiku li jkun fih xi hadd li jintqal lilu li jista' jikkraxxjalu l-kompjuter u li hu kien l-anglu tal-paci li seta' jsolvilu din il-problema bi hlas zghir ta' €29.

Din hi sitwazzjoni li jista' jhabbat wiccu maghha kulhadd, specjalment nies anzjani bhall-ilmentatrici, li ma jkunux trabbew fid-dinja teknologika li kull ma jghaddi z-zmien qed issir aktar sofistikata, fejn il-frodisti ghandhom art fertili ghax juzaw il-hazen taghhom b'aktar heffa fejn bniedem ghandu biss ftit hin biex jahseb jekk ikunx qed jigi mqarraq jew le.

L-Arbitru jqis ukoll li r-rimedju offrut mill-Bank, jigifieri li l-ilmentatrici thallas is-somma globali ta' €1,080 ghaz-zewg tranzazzjonijiet[14] biex isir Arbitragg mal-*Visa* (jekk titlef il-kaz) bhala wiehed li ma tantx ihajjar lill-konsumatur imur ghal dan ir-rimedju u, ghalhekk, ma jhossx li l-ilmentatrici naqset ghall-fatt li ma uzatx din it-triq. Biex dan ir-rimedju jkun wiehed realistiku u gust ghall-konsumatur, ghandu jkun bi hlas nominali jew b'xejn.

Meta wiehed iqis l-ammont li ngibed lill-ilmentatrici, li kien ta' €1,181.78, ma kienx jaghmel sens li thallas €1,080 jekk titlef fil-kaz quddiem l-Arbitragg tal-*Visa.* Fir-realtà, dan mhu rimedju xejn.

L-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-ilmentatrici, fl-età avvanzata taghha ta' sitta u tmenin sena, ftit li xejn setghet tinduna li kienet qed tigi ingannata, u l-fatt wahdu li hi tat it-*3D secure code* lill-frodist ma jammontax ghal atti frawdolenti min-naha taghha u lanqas li b'xi mod kellha l-intenzjoni li ma taqdix l-obbligi tat-termini tal-*card.* Lanqas ma jista' jinghad li b'hekk hija agixxiet bi *gross negligence.*

**Ghalhekk, skont id-dispozizzjonijiet ta' *Directive 1* u l-*PSD2* kif 'il fuq ikkowtati, il-Bank ghandu jaghmel *refund* lill-ilmentatrici kif gej.**

**L-ammont totali li ngibed mill-*card* lill-ilmentatrici kien ta' €1,181.78.[15]**

[14] Ara x-xhieda tax-xhud imressaq mill-Bank*, a Fol.* 96
[15] *A Fol.* 5

**Ghar-ragunijiet li inghataw aktar 'il fuq, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment u jordna lil *Bank of Valletta p.l.c.* ihallas lill-ilmentatrici s-somma ta' elf, mija u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,181.78).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Minhabba n-natura specjali tal-kaz kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**